MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru. 937/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**SALVATORE GATT ta' 60 sena, iben Emmanuele u Eleonora nee' Orland, imwieled iz-Zejtun nhar l-20.05.1950, residenti fil-fond numru 24, Alpine Rose, Triq it-Thabrik, Birzebbuga, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 468450M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **SALVATORE GATT** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu ta' Gunju, 2006 kixef sigrieti li kienu gew fdati lilu minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala persuna li kien funzjonarju pubbliku jew kuntrattat mal-Gvern, kixef minghajr awtorita' legittima xi nformazzjoni, dokument jew oggett iehor, liema nformazzjoni, dokument jew oggett iehor, kienu ghandu minhabba fil-kariga tieghu bhala tali;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala persuna li kien jahdem fl-ghoti ta' servizz postali, ta' telegrafija minghajr fili jew ta' telekomunikazzjoni, xort'ohra milli fil-kors tal-twettieq ta' dmirijietu, xjentement zvela lil xi persuna kull informazzjoni li tirrigwarda l-uzu maghmul minn servizzi postali, ta' telegrafija minghajr fili jew ta' telekomunikazzjonijiet moghtija lil kull persuna ohra permezz ta' dak is-servizz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji u li mal-interrogatorju l-impoutat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni tirrizulta anki mill-istqarrija ta' l-imputat.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Rat l-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 50 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 16(b) tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat Salvatore Gatt hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' 3 xhur sospizi ghal sitta (6) u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieghda tikkundannah ukoll ghal multa fl-ammont ta' €500.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------